MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 364/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Darren Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Darren Grima talli:

(1) Fil-perijodu bejn 1 ta’ Settembru 2005 u t-30 ta’ Ottubru 2005, f’dawn il-Gzejjer, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta’ oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn bank jestabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern u cioe` document ta’

trasferiment ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAF-441;

(2) Fl-istess data u lok, xjentement ghamel uzu minn tali cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra hekk kif fuq imsemmija;

(3) Fl-istess data u lok, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` document ta’ trasferiment ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAF-441, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawzoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw;

(4) Fl-istess data u lok, xjentement ghamel uzu mil-istess att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, att, kitba jew skrittura falza kif fuq imsemmija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imsemmi Darren Grima ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta’ l-imsemmi Darren Grima, sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u, wara li rat l-artikoli 167, 169, 183, 18 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghdet lill-istess Darren Grima taht *probation* ghal perijodu ta’ sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer minnu nominat, a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Darren Grima pprezentat fil-21 ta' Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn in forza ta' l-istess huwa nstab hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tqieghed taht ordni ta' *probation* u tirrevokaha fejn in forza ta' l-istess il-perijodu ta' *probation* gie estiz fuq perijodu ta' sentejn u minflok timponi piena aktar idoneju ghall-kaz, limitatament ghall-estensjoni tal-perijodu ta' *probation*;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jirrigwarda unikament it-tul tal-perijodu li ghalih l-ewwel Qorti qeghditu taht *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446. Jghid illi ghalkemm il-hrug ta' ordni ta' *probation* kien indikat u d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti kienet opportuna, huwa tal-fehma illi t-tul huwa wisq ghax ma jikkonkorrux ic-cirkostanzi ghala l-perijodu ghandu jkun estiz b'dan il-mod, tenut kont il-fedina penali tieghu u l-fatt illi l-intenzjoni tieghu ma kinitx doluza izda rizultat ta' konsiderazzjoni ta' pratticita` u espedjenza.

Waqt is-seduta tallum stess pero` sar verbal fejn Dott. Leo Bencini ghall-appellant iddikjara li l-appellant kien lest joqghod taht ordni ta' *probation* ghall-perijodu ta' sentejn u taht dawk il-kondizzjonijiet li taghmel din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell in kwantu gie mitlub tnaqqis fil-perijodu ta' *probation* u, ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu qieghdet lill-appellant taht *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' sentejn millum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qieghed jigi hawn anness. Din il-Qorti fissret bi kliem car lill-appellant

l-effetti ta’ l-ordni skond is-subartikolu (7) ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------